# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D. , Adv. Trib. Ecc. Melit**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**Vs**

**Winston Lee Diacono**

**Illum:2 ta' Mejju, 2023.**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Winston Lee Diacono ta' 23 sena bin Emanuel u Rita xebba Mifsud imwieled Pieta

nhar 11 ta’ Settembru, 1995 residenti Blk C Flat 4 Triq Mahatma Gandhi, Fgura u detentur ta` ID 386695(M) u akkuzat talli fit-23 ta’ Frar, 2017 ghal habta tal-16.30 ta’ fighaxija fi Triq l-Imdina, Qormi.

1. B’nuqqas ta’ hsieb bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghek jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti ghamilt offiza fuq il-persuna ta’ George Zammit li ghalqet is-sittin sena liema offiza titqies bhala gravi.
2. U aktar talli fl-istess hin lok u cirkostanzi saqet vettura min-numru tar-registrazzjoni BCG 473 b’ manjiera perikoluza, traskurata u bla kont
3. U aktar talli fl-istess hin ,lok u cirkostanzi accedejt il-limitu ta’ velocita preskritt mill-ligi.

Il-Qorti mitluba illi fil-kas ta htija tigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan ghall-perijodu li jidrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-artikoli 225(1) u 226(1)(a) 688(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 15(1)(a)(2 )(3) tal-kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta Regolament 127 tal-LS 65.11 tal-Ligijiet ta Malta.

Rat li l-Qorti innominate bhala espert lil-Dr Alex Scerri Herrera u ikkonfermat n-nomina tal-esperti nominate fl-inkjesta.

Rat l-atti u dokumenti u x-xhieda kollha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet**

Doris Serpina Sciberras xehdet fit-18 ta’ Lulju 2022

Xhud: Iva nahlef, qed nipprezenta il-Process Verbal fil kawza pulizija kontra Winston Lee Diacono li kien redat mil-Magistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo.

Mr Donald Tabone ippresenta r-rapport tieghu bhala espert forensiku fejn ezebixxa CCTV u ipproduca stills a fol 13 et seq tal- Proces Verbal

PS 637 Kevin Manicolo ezebixxa r-rapport tieghu a fol 41 et seq tal-Proces Verbal.

Dr Mario Scerri esebixxa r-rapport tieghu bhal espert medikolegali a fol 56 et seq tal-Proces Verbal fejn ikkonkluda li l-griehi sofferti min George Zammit kienu ta natura gravi

L-Perit Arkitett Valerio Schembri ezebixxa l-Pjanta redatta minnhu a fol 70 et seq tal-Proces Verbal

Quentin Tanti bhala Espert Tekniku ezebixxa r-rapport tieghu fil-25 ta’ Frar quddiem din il-Qorti fejn ikkonkluda li Winston Lee Diacono kien qed isuq b’velocita’ ta’ circa disa u sebghin punt tminja u sittin kfs(79.68) qabel ma sehh l-incident meta l- massimu konsentit kien ta sittin KFS (60). Dan kien ukoll ikkonfermat mis-CCTV footage anness mar-rapport. Il-vettura BCG 473 ma kellha l-ebda difett hlif li t-tyre tal-lemin ta’ wara kellu tread depth /hxuna medja ta 1.86 mm li hi vicin ferm tal-minimu rikjest mill-ligi fejn SL65.21 jistabbilixxi li dan ghanddu jkun ta’ mhux anqas min 1.6mm.

Alexander Scerri Herrera semgha ix-xhieda x-xhieda ta’ Stephen Cachiia in rappresentanza ta’ Transport Malta, Dr Johnathan Zammit George Zammit , Brian Farrugia, George Said Emanuel Diacono kif ukoll l-espert Quentin Tanti kif

ukoll Winston Lee Diacono  u wasal ghal konkluzjoni li l-imputat kien responsabbli ghall-incident de quo

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi jirrizulta car li l-imputat kien responsabbli ghal dan l-incident minhabba is-sewqan tieghu u specifikament l-ispeed tieghu. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan is-sewqan kien jilhaq il-grad ta'sewqan traskurat izda mhux il-grad ta' recklessness li jigi ikkunsidrat perikoluz jew bla kont( P vs Charles Farrugia VolXXXIX P10180). *Recklessness* jigi defenit bhala *willfully shutting one's eye* ( App Krim p avs Joseph Aquilina 20/3/ 1963). Fl-opinjoni tal-esponenti s-sewqan tal-imputat ma lahaqx dan il-grad.

Illi isegwi li l-imputat hu hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijet fi grad ta" traskuragni.

Rigwardanti it-tielet akkuza, jigi rilevat li l-incident sehh nhar it-23 ta' Frar 2017 u l-akkuzi inhargu kwazi sentejn wara l-14 ta' Jannar 2019 u isegwi li din l-akkuza hi Preskritta ai termini tal-artikolu 688(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide**

Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli 225(1) u 226(1)(a) 688(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 15(1)(a)(2 )(3)tal-kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta Regolament 127 tal-LS 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Winston Lee Diacono mhux hati tat-tielet imputazzjoni dedotta kontrih u tilliberah minn kull htija u piena , issibhu hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u

tikkundannah multa ta’ elfejn euro (2000), hmistghax (15)-gurnata sospensjoni mill-licenzji tieghu kollha tas-sewqan u tmin (8) punti fuq il-licenzji tieghu tas-sewqan.

**Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**